KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA GENERAL
MEDINA
ippreżentati fil-21 ta' Settembru 2023 [1]

Kawża C-334/22

Audi AG
vs
GQ

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Regjonali ta' Varsavja, il-Polonja))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) 2017/1001 – Artikolu 9(2) u (3) – Drittijiet mogħtija minn trade mark tal-Unjoni – Użu minn terz ta' sinjal identiku jew simili – Partijiet ta' bdil tal-karozzi – Grilji tar-radjatur – Element għall-iffissar għall-inseriment tal-emblema tal-manifattur tal-karrozzi – Artikolu 14(1)(c) u (2) – Limitazzjoni tal-effetti ta' trade mark tal-Unjoni – Użu ta' sinjal identiku jew simili sabiex jindika l-għan ta' prodott bħala aċċessorji jew partijiet ta' bdil – Prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali – Kriterji ta' evalwazzjoni)

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1001 [2], kif ukoll tal-Artikolu 14(1)(c) u (2) ta' dan ir-regolament.

2. It-talba saret f'kawża bejn Audi AG, manifattur tal-karozzi u tal-aċċessorji tal-karozzi, u GQ, bejjiegħ bl-ingrossa ta' partijiet ta' bdil li jbigħ dawn il-prodotti fuq sit internet. It-tilwima tikkonċerna ksur allegat minn GQ tad-drittijiet mogħtija lil Audi AG minn trade mark figurattiva tal-Unjoni li hija tiddetjeni.

3. Din il-kawża hija bbażata fuq il-portata tal-protezzjoni tad-dritt esklużiv mogħti minn trade mark tal-Unjoni u fuq il-limitazzjonijiet tal-effetti ta' din it-trade mark sabiex tippermetti lil terzi l-użu fil-kummerċ. Il-kawża tirrappreżenta opportunità għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament 2017/1001 fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' partijiet ta' bdil, b'mod partikolari għall-karozzi.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Ir-Regolament 2017/1001

4. L-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001, bl-intestatura "Drittijiet mogħtija minn trademark tal-UE", jipprevedi:

"1. Ir-reġistrazzjoni tat-trademark tal-UE għandha tagħti drittijiet esklużivi lill-proprjetarju.

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' proprjetarji li jkunu nkisbu qabel id-data tal-applikazzjoni jew id-data ta' prijorità tat-trademark tal-UE, il-proprjetarju ta' dik it-trademark tal-UE għandu jkollu d-dritt li jimpedixxi kull parti terza, li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu, li tuża, fil-proċess normali tan-negozju, marbut mal-oġġetti jew servizzi, kwalunkwe sinjal fejn:

(a) is-sinjal ikun identiku għat-trademark tal-UE u jintuża b'rabta ma' oġġetti jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark tal-UE;

(b) is-sinjal ikun identiku jew simili għat-trademark tal-UE u jintuża b'rabta ma' oġġetti jew servizzi li huma identiċi, jew simili, għall-oġġetti jew is-servizzi li għalihom tkun ġiet irreġistrata t-trademark tal-UE, jekk ikun hemm il-probabbiltà li ssir konfużjoni min-naħa tal-pubbliku; il-probabbiltà ta' konfużjoni tinkludi l-probabbiltà ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trademark;

[…]

3. Dawn li ġejjin, b'mod partikolari, jistgħu jiġu pprojbiti skont il-paragrafu 2:

(a) it-twaħħil ta' sinjal mal-oġġetti jew mal-imballaġġ ta' dawk l-oġġetti;

(b) l-offerta ta' oġġetti, it-tqegħid fis-suq, jew il-ħżin tagħhom għal dawk l-għanijiet taħt is-sinjal, jew l-offerta jew il-provvista ta' servizzi b'dak l-istess sinjal;

(c) l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti taħt is-sinjal;

[…]"

5. L-Artikolu 14 tar-Regolament 2017/1001, bl-intestatura "Limitazzjoni tal-effetti ta' trademark tal-UE", jipprevedi:

"1. Trademark tal-UE ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi li, fil-proċess normali tan-negozju, parti terza tuża:

(a) l-isem jew l-indirizz tal-parti terza, fejn dik il-parti terza tkun persuna fiżika;

[…]"

(c) it-trademark tal-UE għall-fini tal-identifikazzjoni jew biex issir referenza għal oġġetti jew servizzi bħala dawk tal-proprjetarju ta' dik it-trademark, b'mod partikolari fejn l-użu ta' dik it-trademark ikun neċessarju biex jiġi indikat l-għan maħsub ta' prodott jew servizz, b'mod partikolari bħala aċċessorji jew spare parts.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss fejn l-użu li jsir minn parti terza tikkonforma ma' prattiki onesti f'materji industrijali jew kummerċjali."

B. Ir-Regolament (KE) Nru 6/2002

6. L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji[3], bl-intestatura "Drittijiet ikkonferiti bid-disinn Komunitarju", jistipula:

"1. Disinn Komunitarju rreġistrat għandu jikkonferixxi fuq il-pussessur tiegħu id-dritt esklużiv li jużah u jipprevjeni kull parti terza li ma jkollhiex il-kunsens tiegħu milli tużah. L-użu msemmi hawn fuq għandu jkopri, b'mod partikolari, l-għemil, l-offerta, it-tqegħid fis-suq, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew l-użu ta' prodott li fih ikun inkorporat id-disinn jew li jiġi applikat fih jew il-ħażna ta' dan il-prodott għal dawn l-għanijiet.

[…]"


7. L-Artikolu 110 tar-Regolament Nru 6/2002, bl-intestatura "Dispożizzjoni transitorja", jipprevedi:

"1. Saż-żmien li l-emendi għal dan ir-Regolament jidħlu fi-seħħ fuq proposta mill-Kummissjoni dwar dan is-suġġett, il-protezzjoni bħala disinn Komunitarju ma għandhiex teżisti għal disinn li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott ikkumplikat użat fit-tifsira ta' l-Artikolu 19(1) bl-għan tat-tiswija ta' dan il-prodott kompless hekk li tiġi rrestawrata d-dehra oriġinali tiegħu.

[…]"

III. Il-fatti u d-domandi magħmula

8. Ir-rikorrenti, Audi AG, hija impriża stabbilita f'Ingolstadt (il-Ġermanja) li għandha drittijiet esklużivi għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni murija hawn taħt, irreġistrata taħt Nru 000018762, inter alia, fillKlassi 12 tal-Klassifikazzjoni ta' Nice (vetturi, partijiet ta' bdil, aċċessorji tal-karozzi). It-trade mark hija sinjal magħmul minn erba' ċrieki maġenb xulxin u li huma sovrappożti orizzontalment, li r-rikorrenti tirriproduċi u tuża bħala l-emblema tagħha:



9. Il-konvenut, GQ, huwa persuna fiżika attiva fil-bejgħ ta' partijiet ta' bdil tal-karozzi. Huwa ma joffrix dawn il-prodotti direttament lill-konsumaturi, iżda jbigħhom lil distributuri oħra. Bejn l-1986 u l-2017, il-konvenut irreklama u offra għall-bejgħ fuq is-sit internet tiegħu grilji tar-radjatur magħmulin apposta u ddisinjati għal mudelli Audi antiki mis-snin tmenin u disgħin.

[3] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 7, p. 14.

Dawn il-grilji tar-radjatur, bħal dawk oriġinali, kienu jinkludu spazju minqux għall-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozza, li jikkorrispondi għall-kontorn tat-trade mark tal-Unjoni tar-rikorrenti.

10. Mill-2017, ir-rikorrenti bdiet proċeduri ġudizzjarji kontra l-konvenut, bil-għan li timblokka l-offerta ta' bejgħ ta' partijiet ta' bdil mhux oriġinali li l-forma ta' ċerti elementi fihom ikkorrispondew, parzjalment jew kompletament, għat-trade mark tar-rikorrenti. B'mod partikolari, f'Mejju 2020, ir-rikorrenti talbet mandat quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja), il-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, sabiex tipprojbixxi lill-konvenut milli jimporta, joffri, jikkummerċjalizza u jirreklama grilji tar-radjatur li ma humiex oriġinali b'sinjal identiku jew simili għat-trade mark tal-Unjoni tagħha. Ir-rikorrenti talbet ukoll il-qerda ta' 70 grilja tar-radjatur tal-karozzi maqbuda mid-dwana.

11. Il-qorti tar-rinviju tqis li, sabiex tagħti deċiżjoni fil-kawża, hija għandha tiddetermina jekk il-portata tal-protezzjoni tat-trade mark tal-Unjoni tar-rikorrenti – li, skont din il-qorti, għandha karattru distintiv ħafna, hija magħrufa sew fil-Polonja u hija assoċjata b'mod ċar mar-rikorrenti – testendix ukoll għall-element li jippermetti l-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozzi fuq grilja tar-radjatur u li, minħabba l-forma tiegħu, huwa identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni ma' din it-trade mark.

12. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju għandha dubji, fl-ewwel lok, dwar jekk l-element għall-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozzi fuq grilja tar-radjatur għandux il-funzjoni ta' trade mark, jiġifieri li jindika l-oriġini tal-prodott. Dan id-dubju jqum anki jekk wieħed jassumi li l-element imsemmi jikkorrispondi għall-forma tal-emblema tal-manifattur u għalhekk jista' jitqies identiku jew, għall-inqas, simili b'mod li joħloq konfużjoni mat-trade mark tal-Unjoni tagħha.

13. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-assenza, fid-dritt tat-trade marks tal-Unjoni, ta' dispożizzjoni ekwivalenti għall-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002 – il-"klawżola ta' tiswija" – li, fir-rigward tad-disinni tal-Unjoni, teskludi l-protezzjoni għal disinn li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless għall-finijiet tat-tiswija ta' dan il-prodott sabiex terġa' tingħata d-dehra oriġinali tiegħu. Hija tqis ukoll li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament 2017/1001 għandha tkun iggwidata mill-għan tad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni li tipproteġi kompetizzjoni mhux imxekkla u l-interess tal-konsumaturi sabiex ikunu jistgħu jagħżlu jekk jixtrux partijiet ta' bdil tal-karozza li huma oriġinali jew li ma humiex oriġinali.

14. Fit-tieni lok, jekk jiġi aċċettat li l-element ta' inseriment u ffissar tal-emblema ta' manifattur tal-karozzi grilja tar-radjatur kellu l-funzjoni ta' trade mark, titqajjem id-domanda wkoll, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, dwar jekk l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 jippermettix lil bejjiegħ ta' partijiet ta' bdil jikkummerċjalizza grilji li ma humiex oriġinali li jkollhom dan l-element. F'każ ta' risposta affermattiva, il-qorti tar-rinviju tistaqsi liema kriterji ta' evalwazzjoni għandhom jiġu applikati sabiex jiġi ddeterminat jekk it-trade mark tal-Unjoni ntużatx skont prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali, kif rikjest mill-Artikolu 14(2) tar-Regolament 2017/1001.

15. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(a) L-Artikolu 14(1)(c) tar-[Regolament 2017/1001] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-proprjetarju tat-trade mark jew lill-qorti milli jipprojbixxu lil terzi l-użu fil-kummerċ ta' sinjal, identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni, ta' trade mark tal-Unjoni, fir-rigward ta' spare parts tal-karozzi (apparat li jkessaħ l-arja/grilji tar-radjatur), fejn dan is-sinjal ikun jikkostitwixxi struttura għall-iffissar ta' aċċessorju tal-karozzi (emblema li tirrifletti trade mark tal-Unjoni), u:

– fejn minn perspettiva teknika jeżistu possibbiltajiet ta' twaħħil tal-emblema oriġinali li tirrifletti trade mark tal-Unjoni ma' spare part ta' karozza (apparat li jkessaħ l-arja/grilja tar-radjatur) mingħajr ir-riproduzzjoni, fuq dawn il-parts, ta' sinjal identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni għat-trade mark tal-Unjoni;

jew f'sitwazzjoni

– fejn minn perspettiva teknika ma huwiex possibbli t-twaħħil tal-emblema oriġinali li tirrifletti trade mark tal-Unjoni ma' spare part ta' karozza (apparat li jkessaħ l-arja/grilja tar-radjatur) mingħajr ir-riproduzzjoni, fuq dawn il-parts, ta' sinjal identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni għat-trade mark tal-Unjoni?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

(b) Liema kriterji ta' evalwazzjoni għandhom jiġu applikati f'dawn il-każijiet biex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk l-użu ta' trade mark tal-Unjoni huwiex konformi mal-prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali?

(c) L-Artikolu 9(2) u (3)(a) tar-Regolament 2017/1001 għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ fejn it-trade mark huwa element tal-forma ta' spare part u fl-assenza, [f'dan ir-regolament] ta' klawżola ekwivalenti għall-klawżola ta' tiswija fl-Artikolu 110(1) tar-[Regolament Nru 6/2002], f'tali sitwazzjoni t-trade mark ma jissodisfax funzjoni ta' indikazzjoni tal-oriġini?

(d) L-Artikolu 9(2) u (3)(a) tar-Regolament 2017/1001 għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ fejn l-element għall-iffissar tat-trade mark, li jirrifletti l-forma tat-trade mark jew huwa simili għaliha b'mod joħloq konfużjoni, huwa element tal-forma ta' spare part u fl-assenza, [f'dan ir-regolament] ta' klawżola ekwivalenti għall-klawżola ta' tiswija fl-Artikolu 110(1) tar-[Regolament Nru 6/2002], l-element għall-iffissar ma jistax jitqies bħala trade mark li tissodisfa funzjonijiet ta' indikazzjoni tal-oriġini anki jekk dan ikun identiku għat-trade mark jew huwa simili għaliha b'mod li joħloq konfużjoni?"

IV. Evalwazzjoni

16. Permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, l-ewwel, jekk l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 jistax jiġi interpretat fis-sens li bejjiegħ ta' partijiet ta' bdil tal-karozzi li ma humiex oriġinali, jiġifieri grilji tar-radjatur, huwa awtorizzat jikkummerċjalizza dawn il-partijiet meta dawn jinkludu element għall-inseriment u l-iffissar tal-emblema ta' manifattur tal-karozzi u li, minħabba l-forma tiegħu, huwa identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni għal trade mark tal-Unjoni miżmuma minn dan il-manifattur.

17. Il-qorti tar-rinviju tagħmel din id-domanda billi tirreferi għal żewġ eventwalitajiet plawżibbli, jiġifieri, skont jekk huwiex teknikament possibbli jew teknikament impossibbli l-inseriment u l-iffissar tal-emblema ta' dan il-manifattur mingħajr ma tiġi rriprodotta t-trade mark tiegħu (l-ewwel domanda (a)). F'każ li d-domanda preċedenti tingħata risposta affermattiva f'dawn iż-żewġ eventwalitajiet jew f'xi waħda minnhom, il-qorti tar-rinviju tistaqsi allura liema jkunu l-kriterji sabiex jiġi evalwat jekk dan l-użu huwiex, kif meħtieġ mill-Artikolu 14(2) tar-Regolament 2017/1001, konformi mal-prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali (l-ewwel domanda (b)).

18. It-tieni, il-qorti tar-rinviju tixtieq tivverifika jekk l-element ta' grilja tar-radjatur li jservi għall-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozzi u li għalhekk jirriproduċi l-forma ta' trade mark figurattiva tal-Unjoni jistax jitqies bħala trade mark li tissodisfa l-funzjoni tal-indikazzjoni tal-oriġini skont l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament 2017/1001 (l-ewwel domanda (c) u (d))[4].

19. L-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-limitazzjonijiet għad-dritt esklużiv li jirriżulta minn trade mark tal-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 14 tar-Regolament 2017/1001, hija rilevanti biss sa fejn ikun hemm ksur ta' dan id-dritt esklużiv, li l-portata tiegħu hija definita fl-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001[5]. Għal din ir-raġuni, ser nirrispondi, fl-ewwel lok, għall-punti (c) u (d) tal-ewwel domanda flimkien u, sussegwentement, il-punti (a) u (b) ta' dik l-istess domanda.

A. L-ewwel domanda (c) u (d)

20. L-ewwel domanda (c) u (d) tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001. Essenzjalment, iż-żewġ partijiet ta' din id-domanda jirrikjedu li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina jekk l-inklużjoni ta' kostruttur indipendenti ta' element fi grilja tal-karozzi għall-finijiet tal-inseriment u l-iffissar ta' emblema tal- manifattur tal-karozzi, li jirriproduċi l-forma ta' trade mark tal-Unjoni miżmuma minn dan il-manifattur, tikkostitwix użu ta' sinjal fil-proċess normali tan-negozju fis-sens ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

21. Bħala osservazzjoni preliminari, huwa importanti li jitfakkar li, skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2017/1001, ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklużivi li, skont l-Artikolu 9(2) ta' dan ir-regolament, jintitolaw lil dak il-proprjetarju mpedixxi lil kull terz li ma jkollux il-kunsens tiegħu, li juża, fil-proċess normali tan-negozju, kwalunkwe sinjal, identiku jew simili, marbut ma' oġġetti jew ma' servizzi fejn ċerti kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti.

[4] Fil-punti (c) u (d) tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tiddistingwi, sabiex tiddetermina jekk it-trade mark inkwistjoni f'din il-kawża tiddeterminax il-funzjoni li tindika l-oriġini, bejn, rispettivament, (i) jekk it-trade mark hijiex parti mill-forma ta' parti tal-karozzi, u (ii) jekk din it-trade mark hijiex parti mill-element ta' ffissar li huwa inkluż fil-forma ta' parti tal-karozzi. Konformement mal-pożizzjoni ġenerali tal-partijiet, iż-żewġ punti tad-domanda jistgħu jiġu rriformulati fit-termini indikati f'dan il-punt.

[5] Ara wkoll, f'dan ir-rigward, Hasselblatt, G., N., (ed.), *European Union Trade Mark Regulation (EU) 2017/1001 – Article-by-Article Commentary*, Beck, 2018, p. 431.

22. L-Artikolu 9(3) tar-Regolament 2017/1001 jelenka, b'mod mhux eżawrjenti, it-tipi ta' użu li jistgħu jiġu pprojbiti mill-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni. Dawn jinkludu t-twaħħil tas-sinjal mal-oġġetti jew mal-imballaġġ tagħhom (il-punt (a)); l-offerta ta' oġġetti, it-tqegħid fis-suq, jew il-ħżin tagħhom għal dawk l-għanijiet taħt dan is-sinjal (il-punt (b)), u l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti taħt is-sinjal imsemmi (il-punt (c))[6].

23. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt esklużiv tal-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni jingħata sabiex jippermettilu jipproteġi l-interessi speċifiċi tiegħu bħala proprjetarju, jiġifieri sabiex jiġi żgurat li t-trade mark tkun tista' taqdi l-funzjonijiet proprji tagħha. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt għandu għalhekk ikun irriżervat għall-każijiet li fihom l-użu ta' sinjal minn terz jippreġudika jew jista' jippreġudika l-funzjonijiet tat-trade mark. Dawk jindikaw nmhux biss il-funzjoni essenzjali tat-trade mark li hija dik li tiggarantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-prodott jew tas-servizz, iżda wkoll il-funzjonijiet l-oħra tagħha, bħal b'mod partikolari, dik li tiggarantixxi l-kwalità ta' dan il-prodott jew ta' dan is-servizz, jew dawk tal-komunikazzjoni, tal-investiment jew tar-reklamar[7].

24. Minn dan isegwi li l-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni ma jistax jopponi l-użu ta' sinjal identiku, jew simili b'mod li joħloq konfużjoni, mat-trade mark fuq il-bażi tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001 jekk dan l-użu ma jkun jista' jippreġudika ebda waħda mill-funzjonijiet ta' din it-trade mark[8].

25. F'din il-kawża, l-ewwel għandi nfakkar li l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma grilji tar-radjatur tal-karozzi li ma humiex oriġinali, li jirriproduċu l-mudelli oriġinali skont id-dritt tal-disinji[9]. Dawn il-grilji huma partijiet ta' bdil maħsuba sabiex jgħattu u jipproteġu r-radjatur tal-karozza bħala komponent tas-sistema tat-tkessiħ tal-magna. Il-grilji tar-radjatur huma partijiet esterni u viżibbli tal-karozzerija ta' karozza u għandhom impatt konsiderevoli fuq id-dehra ta' quddiem tagħha. Il-pożizzjoni tagħhom tagħmilhom vulnerabbli fil-każ ta' ħabta frontali. Barra minn hekk, huwa komuni għall-manifatturi tal-karozzi li jiddisinjaw il-grilja tar-radjatur tal-karozzi tagħhom sabiex jinkludu element għall-inseriment u l-iffissar tal-emblema tagħhom, ħafna drabi f'finitura tal-kromju, li tirriproduċi trade mark irreġistrata preċedentement miżmuma minnhom.

26. Il-post għall-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozzi jifforma parti integrali mill-grilja tar-radjatur, li normalment ikun fit-terz ta' fuq fin-nofs tal-parti ta' quddiem tal-karozza. Dan l-element huwa ffurmat minn spazju minqux għall-inseriment tal-emblema u minn sensiela ta' fetħiet għall-iffissar tagħha. B'mod simili, in-naħa ta' wara tal-emblema jkollha msiemer għat-twaħħil tal-emblema mal-grilja. Huwa importanti li wieħed jiftakar li d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju f'din il-kawża ma jirrigwardawx ir-riproduzzjoni tal-emblema ta' manifattur tal-karozzi bħala tali, iżda l-post previst għat-twaħħil ta' dan l-aċċessorju mal-grilja tar-radjatur, li, skont id-definizzjoni, għandu l-forma tal-kontorn tal-emblema nnifisha.

27. Fit-tieni lok, fir-rigward tad-domanda ta' jekk element bħal dak deskritt qabel jikkostitwixxix sinjal li jista' jippreġudika l-funzjonijiet ta' trade mark, kif titlob il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 24 iktar 'il fuq, nixtieq infakkar, qabel kollox, li t-terminu "sinjal" użat fl-Artikolu 9

6 L-ewwel domanda (c) u (d) tirreferi biss għall-punt (a) tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament 2017/1001. Madankollu, fid-dawl tal-fatti tal-kawża prinċipali kif spjegati fid-deċiżjoni tar-rinviju, jidher li l-Artikolu 9(3)(b) u (c) ta' dan ir-regolament għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll għall-għanijiet ta' din il-kawża.

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Mitsubishi Shoji Kaisha u Mitsubishi Caterpillar Forklift Europe (C-129/17, EU:C:2018:594, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

8 Ara, f'dan il-għan, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2009, L'Oréal *et* (C-487/07, EU:C:2009:378, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

9 Kif irrilevat iktar 'il fuq, ara l-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002, li fih il-"klawżola ta' tiswija"

tar-Regolament 2017/1001 ma huwa ddefinit fl-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament. Madankollu, kif isostnu r-Repubblika tal-Polonja, il-Kummissjoni Ewropea u l-konvenut fil-kawża prinċipali, kundizzjoni essenzjali għall-kunċett tat-terminu "sinjal" hija l-karattru distint u awtonomu tiegħu fir-rigward tal-prodott li jindika. Fi kliem ieħor, sabiex jiġi konkluż li element ta' prodott jiffunzjona bħala sinjal, għandu jiġi pperċepit bħala indipendenti u distint mill-prodott innifsu.

28. Nirrileva li dan il-fehim tal-kunċett tat-terminu "sinjal" ġie kkonfermat diversi drabi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ssostni, kif jistqarr il-konvenut, li sinjal ma jistax ikun sempliċi proprjetà tal-prodott ikkonċernat [10]. Dan essenzjalment ifisser li sinjal ma jistax jiġi ekwiparat mal-komponenti ta' dan il-prodott, speċjalment dawk li jaqdu biss funzjoni speċifika u li, minkejja li jkollhom impatt fuq id-dehra ġenerali tal-imsemmi prodott, ma humiex ipperċepiti bħala sinjal.

29. Raġunament illustrattiv f'dan ir-rigward ġie pprovdut mill-Avukat Ġenerali Léger fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Dyson [11], fejn ikkonkluda, essenzjalment, li element funzjonali li jifforma parti mid-dehra ta' prodott – reċipjent trasparenti li jagħmel parti mill-wiċċ estern ta' vacuum cleaner – ma jissodisfax il-kundizzjonijiet rikjesti sabiex jikkostitwixxi sinjal peress li dan l-element ma huwiex kapaċi jiddistingwi l-merkanzija u s-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra [12].

30. Fil-fehma tiegħi, dan huwa minnu wkoll fil-każ tal-element inkwistjoni f'din il-kawża, li, kif diġà ddeskrivejt fil-punti 25 u 26 ta' dawn il-konklużjonijiet, jikkostitwixxi l-appoġġ għal emblema ta' manifattur tal-karozzi fi grilja tar-radjatur, u b'hekk jifforma parti mill-prodott innifsu u jissodisfa sempliċi funzjoni teknika. Din il-funzjoni teknika hija evidenti meta jitqies li l-ispazju minqux li jibqa' fil-grilja tar-radjatur jintuża biss għall-inseriment u l-iffissar ta' aċċessorju addizzjonali – l-emblema – u li, sabiex jaqdi dan il-għan speċifiku, għandu jiġi adattat skont il-kontorni ta' dan l-aċċessorju.

31. F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed jiftakar li l-għan tal-partijiet ta' bdil tal-karozzi huwa li jissostitwixxu l-partijiet immuntati fil-bidument [13]. Fil-każ ta' elementi esterni, il-partijiet ta' bdil huma primarjament maħsuba sabiex terġa' tingħata dehra oriġinali tal-karozza msewwija. Inkella, is-sostituzzjoni ta' parti mmuntata f'karozza tista' taqa' taħt il-prattika tal-irfinar ("tuning"), li jista' wkoll jagħti dehra ġdida lil karozza, iżda kunċettwalment huwa differenti mit-tiswija ta' dik il-karozza bil-għan li terġa' tingħata d-dehra oriġinali tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt approvat dan il-fehim, u enfasizzat li l-iskop tat-tiswija jista' jintlaħaq biss minn partijiet li huma identiċi fuq il-livell viżiv għall-partijiet oriġinali [14].

32. Fil-fehma tiegħi, huwa evidenti li hija biss grilja tar-radjatur b'pożizzjoni ddisinjata b'tali mod li tippermetti l-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozza, kif imfassla fil-grilja tar-radjatur oriġinali, li jippermetti li tiġi rreplikata d-dehra oriġinali tal-vettura. Konsegwentement, bħala partijiet ta' bdil, il-grilji tar-radjatur jistgħu jservu sabiex terġa' tingħata d-dehra oriġinali ta' karozza biss jekk il-pożizzjoni għat-twaħħil tal-emblema tirriproduċi

[10] Sentenza tas-6 ta' Mejju 2003, Libertel (C-104/01, EU:C:2003:244, punt 27).

[11] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Léger fil-kawża Dyson (C-321/03, EU:C:2006:558, konklużjoni).

[12] *Ibidem*, punt 43.

[13] Għal definizzjoni tat-terminu "partijiet ta' bdil" fid-dritt tal-Unjoni, ara l-Artikolu 1(1)(h) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 461/2010 tas-27 ta' Mejju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur (ĠU 2010, L 129, p. 52), li jipprevedi li t-terminu jfisser "oġġetti li għandhom jiġu stallati fi jew fuq vettura bil-mutur ħalli jibdlu komponenti ta' dik il-vettura".

[14] Ara, għal dan il-għan, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Acacia u D'Amato (C-397/16 u C-435/16, EU:C:2017:992, punti 75).

fedelment il-pożizzjoni pprovduta fil-grilja oriġinali. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li, kuntrarjament għal tipi oħra ta' partijiet ta' bdil bħal rimmijiet tar-roti u hubcaps, grilji tar-radjatur, minħabba l-pożizzjoni ta' quddiem tagħhom fil-karozzerija tal-karozza, ma jistgħux jerġgħu jagħtu d-dehra oriġinali tal-karozza sakemm ma jkunux identiċi għall-prodott oriġinali. Dan jispjega għaliex il-grilji tar-radjatur b'dehra mhux identika ma jiġux offruti spiss fis-suq minn manifatturi indipendenti, ħlief meta jkunu maħsuba, kif diġà osservajt, għall-finijiet ta' rfinar.

33. Barra minn hekk, l-użu ta' sinjal għall-finijiet tal-indikazzjoni ta' oġġetti jew servizzi bħala li joriġinaw minn impriża partikolari għandu jiġi evalwat fil-kuntest tal-proċess normali tan-negozju [15]. Din l-evalwazzjoni għandha ssir fid-dawl tal-perċezzjoni u l-ġudizzju tal-konsumatur li jista' jkun attwalment interessat li jixtri partijiet ta' bdil għal marka partikolari ta' vettura. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva fid-deċiżjoni tar-rinviju li l-konvenuta fil-kawża prinċipali tbigħ il-partijiet ta' bdil lil distributuri professjonali biss, li għalhekk għandhom jitqiesu bħala l-konsumatur medju tal-prodotti inkwistjoni f'din il-kawża [16].

34. Huwa interessanti li sar studju empiriku reċenti, ippubblikat f'rivista akkademika speċjalizzata u li jirreplika l-premessi prinċipali tal-kawża preżenti, sabiex jiġi ddeterminat kif il-preżenza tat-trade mark oriġinali tal-manifattur fuq parti ta' bdil taffettwa l-perċezzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-parti ta' bdil u l-aspettattivi tal-kwalità tal-konsumaturi, b'mod partikolari fis-suq Pollakk [17].

35. L-istudju jissuġġerixxi, l-ewwel, li l-kuntest tal-użu tas-sinjal jista' jinnewtralizza l-impatt tiegħu bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali ta' prodott, speċjalment, kif ġie diskuss waqt is-seduta għal din il-kawża, meta l-informazzjoni disponibbli matul il-bejgħ tal-grilji tar-radjatur jinkludi l-elementi ewlenin li ġejjin: (i) l-isem tal-prodott u l-mudelli ta' karozzi li għalihom huwa applikabbli; (ii) il-prezz għal kull unità, normalment iktar baxx mill-parti ta' bdil oriġinali; (iii) informazzjoni addizzjonali li l-parti ta' bdil offruta min-negozjant ma hijiex oriġinali, u (iv) l-isem tal-manifattur indipendenti [18].

36. It-tieni, l-istudju jispjega, abbażi tal-istħarriġ imwettaq, li l-bejjiegħa bl-imnut u l-workshops professjonali indikaw "b'mod qawwi" li l-partijiet ta' bdil kienu ġejjin minn sors indipendenti, li wera li dawn il-bejjiegħa professjonali ma għandhomx it-tendenza li jiġu mqarrqa fir-rigward tal-oriġini tal-grilji tar-radjatur. Anki fil-każ tal-utenti finali, il-perċentwal li jindika l-manifattur oriġinali kien relattivament insinjifikattiv. Fuq dawn il-bażijiet, l-istudju jikkonkludi li l-professjonisti jidhru li jipperċepixxu t-trade mark tal-Unjoni tal-manifattur oriġinali fil-kuntest tal-bejgħ ta' partijiet ta' bdil minn sorsi indipendenti bħala deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-prodott – bħala element li jissodisfa skop tekniku – iktar milli bħala indikazzjoni tal-oriġini [19].

[15] Sentenza tat-23 ta' Frar 1999, BMW (C-63/97, EU:C:1999:82, punt 38, iktar 'il quddiem is-"sentenza BMW").

[16] Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx f'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti ddeċidiet li, minħabba n-natura teknika, anki oneruża, tal-partijiet ta' bdil għall-karozzi, li huma intiżi, fil-prinċipju, għal pubbliku ta' speċjalisti u ta' professjonisti, dan il-pubbliku ser jakkwistahom effettivament biss wara eżami bir-reqqa tal-proprjetajiet, tal-kompożizzjoni u ta' karatteristiċi oħra tagħhom (sentenza tat-12 ta' Lulju 2019, MAN Truck & Bus vs EUIPO – Halla Holdings (MANDO) (T-792/17, EU:T:2019:533, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[17] Tischner, A., u Stasiuk, K., *Spare Parts, Repairs, Trade Marks and Consumer Understanding*, IIC – International Review of Intellectual Property and Competition Law, Nru 54, 2023, p. 42.

[18] *Ibidem*, p. 44.

[19] *Ibidem* p. 53.

37. Ċertament, studju empiriku ma jistax tkun l-uniku fattur deċiżiv fl-evalwazzjoni finali ta' sitwazzjoni individwali fid-dritt tat-trade marks. Madankollu, l-istudju msemmi iktar 'il fuq juri li għandha ssir analiżi ċirkustanzjali fuq bażi ta' każ b'każ sabiex jiġi ddefinit il-grad ta' perċezzjoni tas-sinjal inkwistjoni mill-konsumaturi rilevanti. Għal dak il-għan, għandha tingħata attenzjoni partikolari, inter alia, lill-informazzjoni disponibbli matul il-proċess tal-bejgħ tal-parti ta' bdil ikkonċernata u lill-karatteristiċi speċjali tas-suq ġeografiku inkwistjoni. Pereżempju, fil-każ tal-Polonja, jidher li ma hemmx diskussjoni fost il-partijiet fil-kawża preżenti li, peress li kwantitajiet sinjifikattivi ta' karozzi użati u bil-ħsara għadhom jiġu importati f'dan l-Istat Membru min Stati Membri oħra. F'dak il-kuntest, karozzi antiki li jeħtieġu tiswija huma notevolment komuni fis-suq tal-karozzi tal-Polonja. Dan jagħmel is-suq tat-tiswija ta' dan il-pajjiż żviluppat ħafna u magħruf sew lill-konsumaturi, li juru rieda li jsewwu karozzi antiki bħal dawn sabiex terġa' tingħata d-dehra oriġinali tagħhom [20].

38. Din il-konklużjoni hija konformi wkoll mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari s-sentenza Adam Opel [21], li ġiet iċċitata mid-dottrina [22] bħala illustrazzjoni tar-riproduzzjoni ta' terz ta' trade mark tal-Unjoni miżmuma minn manifattur tal-karozzi li ma tissodisfax il-funzjoni tal-indikazzjoni tal-oriġini ta' prodott.

39. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dik il-kawża, fir-rigward tal-użu, fuq mudelli mċekkna ta' karozzi ġugarelli, ta' trade mark tal-Unjoni proprjetà ta' manifattur tal-karozzi, li ma kien hemm ebda effett negattiv fuq il-funzjoni ta' din it-trade mark peress li il-pubbliku rilevanti ma jipperċepixxix l-emblema tal-karozzi li tidher fuq il-karozzi ġugarelli bħala indikazzjoni li l-mudelli mċekkna ġew minn dak il-manifattur jew minn impriża ekonomikament marbuta miegħu [23]. Għal darba oħra, iċ-ċirkustanzi u l-prattiki partikolari fis-settur ikkonċernat kellhom rwol deċiżiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-konstatazzjoni fattwali tal-qorti tar-rinviju li l-konsumatur medju tal-prodotti tal-industrija tal-ġugarelli kien imdorri b'mudelli mċekkna bbażati fuq eżempji reali u saħansitra tat importanza kbira lill-fedeltà assoluta għall-oriġinal, b'tali mod li l-konsumatur jipperċepixxi l-emblema tal-manifattur tal-karozza li tidher fuq il-karozzi ġugarelli bħala karatteristika tar-riproduzzjoni fuq skala mċekkna ta' karozza, u mhux bħala indikazzjoni li l-karozza ġugarell stess tkun ħarġet minn dak il-manifattur [24].

40. Fil-fehma tiegħi, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti huma biżżejjed sabiex jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja teskludi, f'din il-kawża, is-sempliċi riflessjoni tas-siluwett ta' trade mark tal-Unjoni ta' manifattur tal-karozzi, bħala parti minn riproduzzjoni fidila ta' grilja tar-radjatur oriġinali u bl-iskop uniku tekniku tal-inseriment u l-iffissar tal-emblema ta' dak il-manifattur, milli tissodisfa l-funzjonijiet ta' trade mark u b'hekk milli tikkostitwixxi użu ta' sinjal fil-proċess normali tan-negozju fis-sens tal-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament 2017/1001 – speċjalment fejn jinqalgħu ċ-ċirkustanzi msemmija fil-punti 35 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa dan.

41. Għal raġunijiet ta' kompletezza, nixtieq ninnota wkoll li l-assenza, fid-dritt tal-Unjoni, ta' dispożizzjoni ekwivalenti għall-"klawżola ta' tiswija" fid-dritt Komunitarju tad-disinni li, assenza li għaliha sar riferiment mill-qorti tar-rinviju fil-formulazzjoni tal-ewwel domanda, punti (c) u (d), hija irrilevanti sabiex tasal għall-konklużjoni preċedenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt

[20] *Ibidem*, p. 42.

[21] Sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Adam Opel (C-48/05, EU:C:2007:55) ("is-sentenza f'Adam Opel").

[22] Kur, A., u Senftleben, M., European *Trade Mark Law – A commentary*, Oxford University Press, 2017, p. 301.

[23] Sentenza Adam Opel (punt 24).

[24] *Ibidem*, punt 23.

iddeċidiet, fid-digriet Ford Motor Company [25], li l-"klawżola ta' tiswija" li tinsab fl-Artikolu 110 tar-Regolament Nru 6/2002 iġġib ċerti limitazzjonijiet biss għall-protezzjoni bħala disinni, mingħajr ma tirreferi bl-ebda mod għall-protezzjoni tat-trade marks [26]. Din l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk teskludi li jittieħed inkunsiderazzjoni, fuq il-livell formali, il-"klawżola ta' tiswija" tal-Artikolu 110 tar-Regolament Nru 6/2002 għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001.

42. Madankollu, f'kawżi fejn id-dritt tat-trade marks tal-Unjoni tikkonverġi ma' oqsma oħra tal-liġi tal-proprjetà intellettwali, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat b'mod konsistenti dispożizzjonijiet ewlenin tar-Regolament 2017/1001 – u atti preċedenti qabilhom – sabiex tevita li tinnewtralizza l-għanijiet komuni segwiti minn dawn l-oqsma u sabiex jiġi żgurat li dawn l-għanijiet jintlaħqu bis-sħiħ, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi protetta sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta fis-suq.

43. Pereżempju, fis-sentenza Lego Juris [27], li kienet tikkonċerna l-intersezzjoni bejn id-dritt tat-trade marks u d-dritt tal-privattivi, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-ħtieġa li tipprevjeni li trade marks jingħataw monopolju fuq soluzzjonijiet tekniċi jew karatteristiċi utililitarji ta' prodott [28]. B'mod partikolari il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, meta l-forma ta' prodott kull ma tagħmel huwa li tinkorpora s-soluzzjoni teknika implementata mill-manifattur ta' dan il-prodott u privattivata fuq l--applikazzjoni tiegħu, protezzjoni ta' din il-forma bħala trade mark wara l--iskadenza ta; privattiva tnaqqas kunsiderevolment u perpetwalment il-possibbiltà għall-impriżi l-oħra li jużaw din is-soluzzjoni teknika [29]. Deċiżjonijiet bħal dawk mogħtija fis-sentenza Lego Juris juru biċ-ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha s-sens komun li tadotta interpretazzjoni koerenti u realistika tal-oqsma kollha tad-dritt tal-proprjetà intellettwali, u b'hekk tevita l-ħolqien ta' monopolji u tipproteġi l-interess tal-konsumaturi li jaċċessaw prodotti jew servizzi ġejjin minn sorsi varji ħafna.

44. F'din il-kawża, għandu jiġi rrilevat li l-attività ta' manifattura u distribuzzjoni ta'partijiet ta' bdil għal vetturi bil-mutur hija mwettqa essenzjalment fi tliet segmenti tas-suq: (a) il-partijiet ta' bdil immanifatturati minn manifatturi tal-karozzi; (b) il-partijiet immanifatturati minn operaturi għajr manifatturi tal-karozzi, ħafna drabi f'isem jew b'kooperazzjoni ma' manifatturi tal-karozzi, u (c) il-partijiet immanifatturati minn manifatturi indipendenti li ma humiex fornuti lill-manifatturi tal-karozzi iżda li huma prodotti skont speċifikazzjonijiet u standards ta' manifattura fornuti minn dawk il-manifatturi tal-karozzi [30]. Evidentement, interpretazzjoni wiesgħa tat-terminu "sinjal" li jinsab fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001 ikollha, bħala konsegwenza, li tiffavorixxi l-ħolqien ta' monopolju fuq it-tiswija ta' grilji tar-radjatur sabiex terġa' tingħata d-dehra oriġinali li jibbenefika l-manifatturi tal-karozzi – li jaġixxu jew b'mod awtonomu jew permezz ta' liċenzji ma' bejjiegħa indipendenti. Dawk l-effetti, li jistgħu jillimitaw l-għażliet tal-konsumaturi u

[25] Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, Ford Motor Company (C-500/14, EU:C:2015:680).

[26] *Ibidem*, punt 39.

[27] Sentenza tal-14 ta' Settembru 2010, Lego Juris vs UASI (C-48/09 P, EU:C:2010:516, iktar 'il quddiem "is-sentenza Lego Juris").

[28] *Ibidem*, punt 43.

[29] *Ibidem*, punt 46.

[30] Din is-segmentazzjoni tas-suq tal-partijiet ta' bdil tirriżulta indirettament mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar ftehimiet vertikali u prattiki miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur, b'mod partikolari mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 461/2010. Ara wkoll, Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, *Market structure of motor vehicle visible spare parts in the* EU, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, p. 14, disponibbli hawn: https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2023/751401/EPRS_BRI(2023)751401_EN.pdf.

jimpattaw l-għanjiet ta' strumenti leġiżlattivi fid-dritt tal-Unjoni ta' disinji [31], ikunu manifesti kieku l-manifatturi tal-karozzi oġġezzjonaw, taħt id-dritt tal-Unjoni tat-trade marks, tal-kummerċjalizzazzjoni, minn bejjiegħa indipendenti ta' grilji tar-radjatur li ma jkunux oriġinali li għandhom element għall-inserzjoni jew l-iffissar tal-emblema tagħhom [32].

45. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li, minkejja li, kif diġà spjegajt, il-"klawżola ta' tiswija" ma hijiex applikabbli f'din il-kawża, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tar-Regolament 2017/1001, u minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa l-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament li huwa intiż li jirrikonċilja l-interessi fundamentali tal-protezzjoni tat-trade marks fi ħdan sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta [33], attenzjoni għandha tingħata attenzjoni lill-konsegwenzi ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dritt tat-trade marks tal-Unjoni, li tista' wkoll tippreġudika l-għanijiet segwiti minn qasam qrib id-dritt tal-proprjetà intellettwali tal-Unjoni, jiġifieri d-dritt tad-disinni, maħsub sabiex iwessa' l-għażla għall-konsumaturi tal-partijiet għal bdil għall-kosumaturi, bejn manifatturi indipendenti u mhux indipendenti.

46. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 9(3)(a) tar-Regolament 2017/1001 għandhom jiġu interpretati fis-sens li li l-inklużjoni ta' element fi grilja tar-radjatur li ma hijiex oriġinali għall-inseriment u l-iffisssar tal-emblema tal-manifattur tal-karozza li tirriproduċi l-forma ta' trade mark figurattiva tal-Unjoni miżmuma minn dak il-manifattur jew simili għaliha b'mod li joħloq konfużjoni ma tikkostitwixxix użu ta' sinjal fil-proċess normali tan-negozju fis-sens ta' dawk id-dispożizzjonijiet, speċjalment meta jinqalgħu ċ-ċirkustanzi msemmija f'dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tal-proċess ta' bejgħ ta' dawn il-grilji tar-radjaturi u għal dan is-suq ġeografiku kkonċernat, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa dan.

B. L-ewwel domanda (a)

47. Kif għidt fil-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tar-Regolament 2017/1001, hija prekundizzjoni li jiġi stabbilit ksur ta' trade mark tal-Unjoni minn terz. Għall-finijiet ta' din il-kawża, dan ifisser li huwa biss li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha ma taqbilx dwar ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda (c) u (d) u tikkunsidra li l-inklużjoni tal-element inkwistjoni f'din il-kawża kienet tikkostitwixxi użu ta' sinjal fil-proċess normali tan-negozju, fis-sens tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001, li tkun meħtieġa risposta għall-ewwel domanda (a) u (b) magħmula mill-qorti tar-rinviju.

48. B'mod partikolari, permezz tal-ewwel domanda (a), dik il-qorti tixtieq tivverifika jekk l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 jippermettix li bejjiegħ ta' grilji tar-radjatur li ma humiex oriġinali jikkummerċjalizza dawn il-prodotti meta jkunu jinkorporaw element

[31] Fit-28 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppubblikat proposti sabiex tirrevedi: (i) id-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-protezzjoni legali tad-disinni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Volum 21, p. 120) u (ii) ir-Regolament Nru 6/2002, bħala passi lejn il-ħolqien ta' pakkett koerenti għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar il-proprjetà intellettwali ppubblikat f'Novembru 2020 B'mod partikolari, l-Artikolu 19 tad-direttiva proposta u l-Artikolu 20a tar-regolament propost jirrelataw mal-"klawżola ta' tiswija" u juru biċ-ċar li l-proprjetarju disinn relatat ma' parti ta' disinn ma jistax jeżerċita monopolju u ma jistax jostakola lil terz milli tqiegħed partijiet ta' bdil fis-suq bil-għan li jsewwi prodott jew terġa' tingħata d-dehra oriġinali tiegħu. Ara Parlament Ewropew, *Revision of the EU legislation on design protection*, Lulju 2023, p. 5, disponibbli hawn https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2023/751401/EPRS_BRI(2023)751401_EN.pdf

[32] Ara f'dan ir-rigward, Kur, A., 'As Good as New' – Sale of Repaired or Refurbished Goods: Commendable Practice or Trade Mark Infringement?', GRUR International, Oxford University Press, vol. 70, 2021, p. 236. Dan ikun iktar u iktar fir-rigward ta' partijiet ta' bdil għal mudelli ta' karozzi li ma għadhomx jiġu prodotti mill-manifatturi, bħalma huwa l-każ tal-grilji tar-radjaturi kkonċernati fil-kawża prinċipali.

[33] Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2015, Ford Motor Company (C-500/14, EU:C:2015:680, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

għall-finijiet tal-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozza u li, minħabba l-forma tiegħu, ikun identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni għal trade mark tal-Unjoni ta' dak il-manifattur.

49. Kif diġà rrilevajt, skont l-Artikolu 9 tar-Regolament 2017/1001, ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklużivi li jagħtu d-dritt lil dan il-proprjetarju li jimpedixxi lil terzi li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw matul il-proċess normali tan-negozju kwalunkwe sinjal, identiku jew simili, fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi. Id-drittijiet esklużivi mogħtija lill-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni, madankollu, huma suġġetti għal-limitazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 14 tar-Regolament 2017/1001.

50. B'mod iktar speċifiku, skont l-Artikolu 14(1)(c) ta' dan ir-regolament, trade mark tal-Unjoni ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju jimpedixxi lil terz milli juża, fil-proċess normali tan-negozju, it-trade mark tal-Unjoni għall-finijiet ta' identifikazzjoni jew riferiment għal prodotti jew servizzi bħala dawk tal-proprjetarju ta' din it-trade mark, b'mod partikolari fejn l-użu ta' din it-trade mark huwa meħtieġ sabiex jindika l-għan maħsub ta' prodott jew servizz, b'mod partikolari bħala aċċessorji jew partijiet ta' bdil.

51. Bħala osservazzjoni preliminari, nixtieq infakkar li, minkejja li l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 jirreferi, minn perspettiva letterali, għall-użu ta' "trade mark tal-Unjoni" minn terz għall-fini tal-identifikazzjoni jew biex isir riferiment għal oġġetti jew servizzi, din id-dispożizzjoni għandha tinftiehem bħala applikabbli meta dan it-terz ma jużax trade mark tal-Unjoni bħala tali, iżda sinjal li jitqies li huwa identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni. Wara kollox, l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 jistabbilixxi difiża kontra l-allegazzjoni li l-Artikolu 9 ta' dan l-istess regolament inkiser, li, kif diġà spjegajt fl-analiżi tiegħi tal-ewwel domanda (c) u (d), tirreferi sempliċement għall-użu ta' sinjal fil-kuntest tan-negozju. F'din il-kawża, dan ifisser li l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 xorta jista' jiġi applikat għall-fatti tal-kawża prinċipali anki jekk jitqies li l-konvenut ma użax it-trade mark tal-Unjoni tar-rikorrenti fuq il-grilji tar-radjatur tiegħu, iżda biss, kif tinnota l-qorti tar-rinviju, sinjal simili b'mod li joħloq konfużjoni.

52. Barra minn hekk, huma importanti li jiġi rrilevat li, fis-sentenza Gillette[34], il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tinterpreta l-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 89/104/KEE[35]. Din id-dispożizzjoni ġiet imħassra u bħalissa hija applikabbli fir-rigward tat-trade marks nazzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 14(1)(c) tad-Direttiva (UE) 2015/2436[36] li huwa l-kontroparti tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/2001.

53. Fit-tilwima li tat lok għas-sentenza Gillette, impriża kienet qiegħda tbigħ imwies tal-leħja li kellhom manku u xafra sostitwibbli u xfafar simili għal dawk ikkummerċjalizzati minn Gillette Company, il-proprjetarja tat-trade marks Gillette u Sensor. Dawn ix-xfafar kienu qegħdin jinbigħu taħt it-trade mark Parason Flexor u fuq l-imballaġġ tagħhom kien hemm tikketta tgħid: "Il-mankijiet kollha [Parason] Flexor u Gillette Sensor huma kompatibbli ma' din ix-xafra"[37]. L-impriża kkonċernata ma kinitx awtorizzata b'liċenzja ta' trade mark jew b'xi kuntratt ieħor

[34] Sentenza tas-17 ta' Marzu 2005, Gillette Company u Gillette Group Finland, C-228/03, EU:C:2005:177 (iktar 'il quddiem"is-sentenza Gillette").

[35] L-ewwel Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92)

[36] Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (riformulazzjoni) (ĠU 2015, L 336, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 110, p. 5).

[37] Sentenza Gillette (punt 14).

sabiex tuża t-trade marks proprjetà ta' Gillette Company. F'dawk iċ-ċirkustanzi, din tal-aħħar ippreżentat rikors quddiem qorti nazzjonali li fiha sostniet li din l-impriża kienet kisret it-trade marks reġistrati tagħha.

54. Mis-sentenza Gillette jirriżulta li l-użu ta' trade mark tal-Unjoni minn terz skont l-Artikolu 6(1)(c) tad-Direttiva 89/104 jiddependi fuq jekk l-iskop ta' dan l-użu huwiex li jagħti informazzjoni intelliġibli u kompleta lill-pubbliku dwar l-iskop intiż tal-prodott li jikkummerċjalizza [38]. Barra minn hekk, dan l-użu kellu jkun jkun neċessarju, jiġifieri, din l-imsemmija informazzjoni ma setatx, fil-prattika, tingħata lill-pubbliku minn terz mingħajr ma ntużat it-trade mark li ma hijiex tiegħu [39].

55. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-formulazzjoni tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 ma għadhiex tiffoka fuq ir-rekwiżit ta' neċessitàa, u dan jissemma biss bħala illustrazzjoni fir-rigward ta' "indikazzjoni tal-għan maħsub". Konsegwentement, il-kriterju ewlieni u għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 għandu jkun jekk l-użu tat-trade mark tal-Unjoni minn terz jaqdix il-funzjoni li tidentifika jew tirreferi esklussivament għall-prodotti jew is-servizzi tat-trade mark (iktar 'il quddiem l-"użu ta' riferiment" [40]. Din id-difiża kontra allegazzjoni li l-Artikolu 9 ta' dak l-istess regolament inkiser ma hijiex suġġetta għar-rekwiżit ta' neċessità stabbilit fis-sentenza Gillette, li jibqa' applikabbli għall-użu ta' trade mark tal-Unjoni biss għall-iskop speċifiku ta' indikazzjoni tal-għan maħsub ta' prodott jew servizz [41].

56. Il-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux, minn naħa, dwar jekk l-użu ta' sinjal bħala element ta' grilja tar-radjatur jissodisfax l-funzjoni li jidentifika jew jirreferi esklużivament għall-prodotti jew is-servizzi tal-proprjetarju tat-trade mark. Huma ma jaqblux ukoll dwar jekk dak is-sinjal jistax jerġa; jintuża sabiex jinforma lill-pubbliku rilevanti dwar l-iskop maħsub tal-grilja tar-radjatur u dwar jekk ir-rekwiżit ta' neċessità, applikabbli f'dak il-każ, jistax jiġi kkunsidrat bħala ta' natura teknika iktar milli ta' valur informattiv.

57. F'dan ir-rigward, jien tal-fehma, l-ewwel, li l-użu tas-sinjal inkwistjoni f'din il-kawża ma jservix il-funzjoni li jidentifika jew jirreferi għall-oġġetti jew għas-servizzi bħala li ġejjin mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Ċertament, il-konsumaturi ta' grilji tar-radjatur għandhom ikunu jistgħu jiksbu informazzjoni li parti ta' bdil hija adattata jew maħsuba għal karozzi ta' manifattur partikolari. Madankollu, huwa ċar, fil-fehma tiegħi, li l-inklużjoni ta' element ta' grilja ta' radjatur, li jintuża biss sabiex jinserixxi u jiffissa aċċessorju addizzjonali – l-emblema tal-manifattur tal-karozza –,ma jammontax għal użu ta' riferiment li fis-sens tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 [42] u mhux għan ta' indikazzjoni.

58. It-tieni nett, nikkunsidra għal raġunijiet simili li s-sinjal inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistax jinftiehem bħala indikazzjoni tal-għan maħsub tal-grilja tar-radjatur, b'mod partikolari bħala aċċessorju jew parti ta' bdil. Barra minn hekk, anki jekk wieħed jassumi l-kuntrarju, in-neċessità teknika li tintuża sinjal identiku, jew simili għat-trade mark ikkonċernata, ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' neċessità tal-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001, peress li l-informazzjoni lill-konsumatur finali tibqa' l-għan li għandu jiġi segwit bl-użu tat-trade mark. Fi

38 Sentenza Gillette (punt 34).

39 Sentenza Gillette (punt 35). Ara wkoll is-sentenza BMW (punt 60).

40 Hasselblatt, G.N. (ed.), *European Union Trade Mark Regulation (EU) 2017/1001 – Article-by-Article Commentary*, Beck, 2018, p. 436.

41 Ara wkoll Kur, A, u Senftleben, M., *European Trade Mark Law – A commentary*, Oxford University Press, 2017, p. 420.

42 Ara l-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

kliem ieħor, neċessità teknika, hekk kif imsemmija mill-qorti tar-rinviju fil-formulazzjoni tal-ewwel domanda (a) ma tistax tiġi invokata sabiex jiġu limitati d-drittijiet tal-proprjetarju tat-trade mark taħt l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001.

59. Minn dak li ntqal hawn fuq isegwi li l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix li bejjiegħ ta' partijiet ta' bdil tal-karozzi, jiġifieri ta' grilji tar-radjatur, jikkummerċjalizza dawk il-partijiet meta dawn jinkludu element għall-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozza u li, minħabba l-forma tiegħu, huwa identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni għal trade mark tal-Unjoni ta' dak il-manifattur.

C. L-ewwel domanda (b)

60. Fir-rigward tal-ewwel domanda (b), risposta tingħata biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda (a) b'mod kuntrarju għall-proposta tiegħi.. F'dak il-każ, huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk l-użu tat-trade mark tal-Unjoni huwiex konformi ma' prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali fis-sens tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament 2017/1001.

61. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi gwida dettaljata f'dan ir-rigward [43].

62. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-użu ta' trade mark ma huwiex konformi ma' prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali fejn, l-ewwel, isir b'tali mod li jista' jagħti l-impressjoni li jkun hemm rabta kummerċjali bejn it-terz u l-proprjetarju tat-trade mark. Barra minn hekk, tali użu tat-trade mark ma jistax jaffettwa l-valur tagħha billi jieħu vantaġġ inġust min-natura distintiva jew ir-reputazzjoni tagħha. Barra minn hekk, trade mark ma tintużax skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament 2017/1001 jekk tiskredita jew timmalafama dik it-trade mark. Finalment, l-użu ta' trade mark huwa wkoll inkompatibbli ma' prattiki onesti fl-oqsma industrijali u kummerċjali fejn terz jippreżenta l-prodott tiegħu bħala imitazzjoni jew replika tal-prodott li għandu dik it-trade mark.

63. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, l-użu tat-trade mark kienx konformi ma' prattiki onesti. Madankollu, kif issostni l-Kummissjoni, tliet elementi speċifiċi ta' din l-evalwazzjoni jidhru li huma ta' importanza partikolari fid-dawl tal-fatti tal-kawża.

64. L-ewwel, kif irrilevajt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-użu ta' trade mark ma huwiex konformi ma' prattiki kummerċjali f'oqsma industrijali jew kummerċjali mu tan-negozju onesti meta tali użu "jiskredita jew jimmalafama" din it-trade mark [44]. Fid-dawl tax-xebh bejn il-forma tat-trade mark użata għall-element ta' ffissar u t-trade mark innifisha – jiġifieri l-emblema tal-manifattur tal-karozza – il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina, inter alia, jekk il-garanzija tal-kwalità tal-oġġetti offruti mill-konvenut hijiex rilevanti f'dak il-kuntest. Kwalità inferjuri għal dik żgurata mill-manifatturi tal-partijiet ta' bdil oriġinali tista' taffettwa ħażin il-funzjoni ta' garanzija tal-kwalità tat-trade mark.

65. It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-preżentazzjoni ta' prodott bħala "imitazzjoni jew replika tal-prodott" tmur kontra l-prattiki onesti [45]. Hija għalhekk il-qorti tar-rinviju li għandha teżamina, fid-dawl tan-natura tal-partijiet ta' bdil tal-prodotti inkwistjoni u x-xebh tagħhom

[43] Ara s-sentenza Gillette (punti 41 sa 49), u s-sentenza BMW (punti 51, 52 u 61).

[44] Sentenza Gillette (punt 44).

[45] Sentenza Gillette (punt 45).

mal-partijiet oriġinali, jekk il-konvenut ikunx ħa l-passi neċessarji sabiex jindika li l-prodotti kienu mmanifatturati minnu u sabiex jiżgura li ma jitqisux bħala imitazzjonijiet jew riproduzzjonijiet tal-partijiet oriġinali.

66. It-tielet, fid-dawl tal-kundizzjonijiet simili għal dawk stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-Artikolu 110(1) tar-Regolament Nru 6/2002[46], il-manifattur jew il-bejjiegħ ta' partijiet ta' bdil huwa suġġett għal dmir ta' diliġenza fir-rigward tal-konformità mal-kundizzjonijiet rikjesti sabiex jiġi żgurat li l-utenti downstream jikkonformaw ma' prattiki onesti fil-qasam kummerċjali u industrijali. B'mod partikolari, sabiex tiġi determinata l-konformità ma' prattiki onesti, huwa neċessarju li jiġi evalwat jekk il-manifattur ta' partijiet ta' bdil li ma humiex oriġinali jkunx ikkonforma mal-obbligu li jinforma lill-utent downstream fil-katina tal-provvista b'mod ċar u viżibbli billi jindika fuq prodott, l-imballaġġ, il-katalgi jew id-dokumenti tal-bejgħ tiegħu li dawn il-partijiet ma humiex prodotti mill-manifattur tal-partijiet ta' bdil oriġinali. Għandu jiġi aċċertat ukoll jekk, b'mezzi xierqa, inklużi kuntrattwali, il-manifattur tal-partijiet ta' bdil żgurax li l-utenti downstream fil-katina tal-provvista ma jinvolvux ruħhom fi prattiki li jistgħu jiżgwidaw l-oriġini tal-prodotti jew jiskreditaw it-trade mark inkwistjoni.

67. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, u f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra – kuntrarjament għall-analiżi tiegħi tal-ewwel domanda (a) – li l-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001 ippermetta l-użu ta' trade mark tal-Unjoni f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, l-Artikolu 14(2) ta' dan l-istess regolament għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi, l-ewwel, li l-użu tat-trade mark tal-Unjoni ma jinvolvix skreditar jew malafama ta' dikn it-trade mark; it-tieni, li l-utent ikun ħa l-passi meħtieġa sabiex jindika li l-prodotti kienu mmanifatturati minnu u sabiex jiżgura li ma jitqisux bħala imitazzjonijiet jew riproduzzjonijiet tal-parti oriġinali, u, it-tielet, li l-manifattur jew il-bejjiegħ tal-partijiet ta' bdil huwa suġġett għal dmir ta' diliġenza fir-rigward tal-konformità mal-kundizzjonijiet rikjesti sabiex jiġi żgurat li l-utenti downstream jikkonformaw ma' prattiki onesti fl-oqsma kummerċjali jew industrijali.

V. Konklużjoni

68. Abbażi tal-analiżi esposta iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda (c) u (d) magħmula mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja) kif ġej:

(1) L-Artikolu 9(2) u (3)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea,

għandu jiġi interpretat fis-sens li l-inklużjoni ta' element fi grilja tar-radjatur li ma hijiex oriġinali għall-inseriment u l-iffisssar tal-emblema tal-manifattur tal-karozza li tirriproduċi l-forma ta' trade mark figurattiva tal-Unjoni miżmuma minn dak il-manifattur jew simili għaliha b'mod li joħloq konfużjoni ma tikkostitwixxix użu ta' sinjal fil-proċess normali tan-negozju fis-sens ta' dawk id-dispożizzjonijiet, speċjalment meta jinqalgħu ċ-ċirkustanzi msemmija f'dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tal-proċess ta' bejgħ ta' dawn il-grilji tar-radjaturi u għal dan is-suq ġeografiku kkonċernat, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa dan.

F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda (c) u (d) magħmula f'sens oppost, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda (a) kif ġej:

[46] Ara, għal dan il-għan, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Acacia u D'Amato (C-397/16 u C-435/16, EU:C:2017:992, punti 85 sa 88).

(2) L-Artikolu 14(1)(c) tar-Regolament 2017/1001,

għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li ma jippermettix li bejjiegħ ta' partijiet ta' bdil tal-karozzi, jiġifieri ta' grilji tar-radjatur, jikkummerċjalizza dawk il-partijiet meta dawn jinkludu element għall-inseriment u l-iffissar tal-emblema tal-manifattur tal-karozza u li, minħabba l-forma tiegħu, huwa identiku jew simili b'mod li joħloq konfużjoni għal trade mark tal-Unjoni ta' dak il-manifattur.

F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda (a) magħmula f'sens oppost, nippproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda (b) kif ġej:

(3) L-Artikolu 14(2) tar-Regolament 2017/1001,

għandu jiġi interpretat bħala li jirrikjedi, l-ewwel, li l-użu tat-trade mark tal-Unjoni ma jinvolvix skreditar jew malafama ta' din it-trade mark; it-tieni, li l-utent ikun ħa l-passi meħtieġa sabiex jindika li l-prodotti kienu mmanifatturati minnu u sabiex jiżgura li ma jitqisux bħala imitazzjonijiet jew riproduzzjonijiet tal-parti oriġinali, u, it-tielet, li l-manifattur jew il-bejjiegħ tal-partijiet ta' bdil huwa suġġett għal dmir ta' diliġenza fir-rigward tal-konformità mal-kundizzjonijiet rikjesti sabiex jiġi żgurat li l-utenti downstream jikkonformaw ma' prattiki onesti fl-oqsma kummerċjali jew industrijali.